# Mil-Lenti Tiegħek

# #tritoni



Il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura bħalissa għaddej bil-proġett tar-restawr tal-Funtana tat-Tritoni u qed jistieden lill-pubbliku biex ikun parti minnu.
Il-Ministeru qed jagħmel sejħa pubblika lil min għandu xi ritratti kemm antiki u kemm riċenti tal-Funtana tat-Tritoni sabiex jgħaddi kopja tagħhom. Dan qiegħed isir bl-iskop li jintużaw f'pubblikazzjonijiet, wirjiet jew avvenimenti marbutin mal-proġett. Ir-ritratti jistgħu jkunu kemm tal-funtana nnifisha, ta' persuni li jidhru magħha, inkella tal-wesgħa kif kienet qabel l-1959.

Wieħed jista' jmur il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, Blokka B, Triq Francesco Buonamici, il-Furjana, fid-**29 u t-30 ta' Mejju 2017**, bejn id-9am u 12pm u bejn is-2pm u l-4pm, u jħalli kopja tar-ritratti permezz tal-faċilitajiet li se jkunu offruti mill-Ministeru stess.

Ir-ritratti ser ukoll jintlaqgħu b'dawn il-metodi sal-**Ġimgħa 30 ta' Ġunju 2017**:

- Bil-posta tradizzjonali fl-indirizz: TRITONI, Kaxxa Postali 1026, Triq Nofsinhar, Il-Belt Valletta;
- Bil-posta elettronika fl-indirizz: tritoni@gov.mt (id-daqs tal-ittra elettronika m'għandux ikun akbar minn 20Mb);

- Mill-formola elettronika li tinsab fuq is-sit **tritoni.gov.mt** (id-daqs massimu tar-ritratti f'daqqa ma jistax jaqbeż 20Mb)

**Protezzjoni u Privatezza tad-data – Att Dwar il-Protezzjoni tad-Data (Kap 440)**
Bħala parti minn din l-inizjattiva, l-individwi huma mistiedna li jissottomettu r-ritratti tagħhom. Se tintalab din l-informazzjoni: l-isem tal-individwu li se jissottometti r-ritratt/i, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku. Id-dettalji se jintużaw f'każ li tkunu mistiedna għall-*workshop* relatat ma' din l-inizjattiva.
Uħud mir-ritratti se jkunu esebiti waqt il-*workshop* u jista' jagħti l-każ li dawn se jintużaw f'attivitajiet oħra relatati mal-funtana tat-Tritoni.
Id-data personali li se tinġabar se tkun ipproċessata mill-individwi involuti skont il-proviżjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data (Kap 440) u mhux se tkun aċċessata jew mogħtija lil ħaddieħor.
Fl-eventwalità li tkun tixtieq timmodifika jew tħassar is-sottomissjoni tiegħek, infurmana billi tibgħat fuq l-indirizz elettroniku **tritoni@gov.mt**